**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 18 ta' Jannar 2002**

**Numru 4**
**Citaz. Nru. 1999/97 FDP**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Vs**

**Topserv Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Settembru 1997 fejn gie premess:-

Premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef hames mija tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u

tmenin centezmu (Lm 3582.85) bhala prezz ta' *air-conditioning units* u oggetti ohra lilha mibjugha u kkonsenjati skond il-fatturi numru 2319, 2375, 2388, 3218, 2296, 3312, 3327, 4665, 4795 u 5933 (annessi ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dok. A sa J) u l-i*statement of account* (Dok. K);

Premess illi, minkejja li giet interpellata ghall-hlas bl-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 1997, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta' Lm3582.85 bhala prezz ta' *air-conditioning units* u oggetti ohra lilha mibjugha u kkonsenjati skond il-fatturi u l-i*statement of account* esebiti (Dok A sa K);

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 4760/97, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Raymond Mallia in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-26 ta' Mejju 1998 tas-socjeta` konvenuta Topserv Limited fejn eccepiet:-

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ma huwiex dovut kollu stante:-

1. Illi l-fatturi numri 2319, 2375, 2388, 3218, 3312, 3327, 4664 u 4795, annessi ma' l-att tac-citazzjoni attrici ma kienux kontestati mis-socjeta` konvenuta;

2. Illi l-fatturi numri 2296 u 5733 kienu relattivi ghall-merkanzija konsistenti f'*air conditioning units* li kienu difettuzi u ta' kwalita` inferjuri u ghalhekk il-prezz indikat fic-citazzjoni ma jirriflettix il-valur reali ta' l-istess merkanzija;

3. Illi peress li din il-merkanzija giet mibjugha mis-socjeta` konvenuta lil terzi persuni, minhabba d-difetti intrinsici fl-istess oggetti, is-socjeta` konvenuta sofriet danni kummercjali estensivi, inkluzi dawk lir-reputazzjoni kummercjali taghha;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Noel Grech in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbali tas-seduti u accessi mizmuma mill-perit tekniku Ing. Carmel J. Cuschieri nominat minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Udjenza tat-28 ta' Mejju 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi skond ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta li nzammet quddiem il-perit tekniku nhar il-5 ta' Lulju 2001, is-socjeta` konvenuta ammettiet it-talba u intrabtet li thallas l-ammont dovut fi zmien 15-il gurnata;

Illi s-socjeta` attrici da parti taghha intrabtet fost affarijiet ohra li ccedi l-kawza fi zmien jumejn minn meta jsir l-ahhar pagament kif miftiehem;

Illi fl-Udjenza tal-Qorti tad-9 ta' Novembru 2001 is-socjeta` konvenuta pprezentat nota li biha ammettiet it-talba attrici. Nonostante l-ftehim verbalizzat tal-5 ta' Lulju 2001, ma jirrizultax li l-pagamenti saru, u ghalhekk jidher li l-ammont ghadu dovut;

Illi ghalhekk in vista tan-nota ta' ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3582.85) bhala prezz ta' *air conditioning units* u oggetti ohra lilha mibjugha u kkonsenjati;

L-imghax kummercjali u l-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni li giet ammessa jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur